MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 216/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Mercieca talli fil-5 ta' Novembru 2004 ghall-habta tat-3.30am, f'Cospicua Road, Paola:

1) saq vettura nru. EAO-763, b'manjiera traskurata;

2) f'lok pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu;

3) qal kliem oxxen u kliem indicenti fil-pubbliku;

4) kiser il-mistrieh tan nies bl-ghajjat u storbju;

5) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

6) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura numru EAO-763 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

7) gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, naqas jew irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita, tordna li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Emanuel Mercieca hati tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tas-sitt imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) kif ukoll skwalifikatu mil-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Mercieca pprezentat fil-5 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fil-bqija billi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjonijiet wiehed, tnejn u sitta dedotti kontra tieghu, u konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurata tas-sentenza appellata, jirrizulta li l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha fuq is-seba' imputazzjoni.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet u sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tas-sitt imputazzjonijiet izda ma qalet xejn dwar is-seba' imputazzjoni.

Is-sentenza appellata hi ghalhekk difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u dan irendi l-istess sentenza nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tisma' l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------